MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Rikors Numru. 52/2009

**Mouwafak Toutoungi ID 388090M u Tariq Razee Hidayathullah ID 27415A, Haroun Ali ID 514692M u Mouhanad Toutoungi li ghandu passaport Svizzeru F0634648 u Elkatwy Houssein Ahmed Hussein ID 21910A Ashraf Abde Azzedine ID 37832A**
**vs**
**Kummissarju tal-Pulizija u Chairman Awtorita Maltija ghall-Ambjent u l-Izvilupp**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fid-29 ta' Settembru, 2009, li *in forza* tieghu rikorrenti, wara li ppremettew :

Illi r-rikorrenti kollha huma ta' twemmin Musulman;

Illi r-rikorrenti Toutoungi u Tariaq Razee Hidayathullah flimkien ma' Elkatwy Houssein Ahmed Hussein huma

nkwilini tal-flat f'Tas-Sliema, Tower Road, 126A, Brighton Apartments u l-ewwel zewg rikorrenti flimkien ma' Mouhanad Toutoungi u Elkawty Houssein Ahmed Hussein kienu inkwilini tal-fond 52,(maghruf ukoll bhala Blokk B) Flat 1, St Peter Court, Triq il-Villeggatura, San Paw! il-Bahar;

Illi l-inkwilini taz-zewg fondi bhala parti mit-twemmin taghhom dahhlu fil-kuntratti ta' l-inkwilinat u responsabbli solidalment ghall-hlas tal-kera u dan biex jesegwixxu l-obbligi taghhom religjuzi li jaghmlu karita' ma' nies li jkunu Malta li jistghu juzaw bhala residenza taghhom xi wiehed minn dawn l-appartamenti ghaliex ma jkollhomx mezzi biex ihallsu kirjiet band'ohra; minhabba c-cirkostanzi li gejjin, l-esponenti rrinunzjaw bi ftehim mas-sid ghall-kirja ta San Pawl il-Bahar;

Illi fil-fatt fiz-zewg appartamenti kienu joqoghdu nies qabel sabu akkomodazzjoni band'ohra u fil-kaz ta Tas-Sliema l-persuna sahansitra rregistrat il-karta ta' l-identita', imma mbaghad graw fatti li zammewha milli tkun regolarament residenti;

Illi membri tal-komunita' Musulmana f'Malta skond il-prattika religjuza taghhom jiltaqghu flimkien u flok jaghmlu l-parties fil-flats, jitolbu skond it-twemmin taghhom. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li r-religjon Musulmana hija religjon rikonoxxuta mill-istati kollha tad-dinja bhala religjon monoteistika li tirrapprezenta proporzjon qawwija tan-nies li jghixu fid-dinja u tinferex fuq il-kontinenti kollha.

Ta' min jirrileva li dan huwa anke rikonoxxut mir-religjon prevalenti Maltija, u cioe' r-religjon Kattolika u dan permezz tal-Papa' li fil-laqghat li jsiru gewwa Assisi l-Musulmani jkollhom sehem importanti u jippartecipaw. Ta' min jirrileva wkoll li f'Malta kienet inzammet konferenza inter-religjuza fejn sahansitra kien attenda kardinal mill-Vatikan u rapprezentanti tar-religjon Musulmana f'Malta, liema konferenza kienet saret fic-Centru ghall-Konferenzi, il-Belt u dan madwar tlitt snin ilu;

Illi fl-imsemmija flats ghalhekk kienu qeghdin jiltaqghu b'mod mhux formali d-diversi nies hbieb tar-rikorrenti ta' l-istess twemmin u privatament kienu jippratikkaw ir-religjon taghhom;

Illi l-ewwel inkwiet li kien beda kien meta sar rapport lill-MEPA fuq il-flat ta' Tas-Sliema u l-posizzjoni tal-MEPA originarjament kienet illi bl-ebda mod ma kienet tista' tindahal ghaliex kienet attivita' privata u ma kienx hemm bzonn l-ebda permess. Dan sahansitra jirrizulta minn risposta ghall-Protest Gudizzjarju ta' residenti ohra li l-MEPA kienet ghamlitha cara li r-residenti tal-flat kienu qeghdin ihallu persuni ohra jidhlu jitolbu, u dakinhar kienet qalet sewwa l-MEPA li ma tistax taghmel stop u enforcement notice fuq il-bazi ta' dawk il-fatti ghaliex ma kien hemm l-ebda uzu llegali ta' l- appartament;

Illi minhabba pressjoni ulterjuri li kienet qieghda ssir, il-MEPA biddlet il-posizzjoni taghha u sahansitra harget Stop and Enforcement Notice;

Illi habta u sabta l-MEPA ghamlet Enforcement Notice billi ssigillat kemm il-flat ta' Tas-Sliema u kemm il-flat ta' Bugibba;

Illi konsegwenement miz-zewg flats gie eskluz kull uzu, anke dak ta' abitazzjoni;

Illi ghandu jinghad ukoll illi r-rikorrenti Mouwafak Toutoungi kien sahansitra rikonoxxut mill-pulizija u bhala liaison officer kien hemm l-Ispettur Anglu Caruana u s-Surgent Josef Petroni;

Illi f'korrispondenza li ghaddiet bejn l-MEPA u Mouwafak Toutoungi u li kopja taghha kienet ntbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija, kien gie dikjarat illi l-flat ta Tas-Sliema ma setax ikun li jitqies bhala moskea u dan ghal diversi ragunijiet, fosthom li ried ikun hemm kampnar jew minaret biex jghajjat lil Musulmani ghat-talb, irid ikun hemm post fejn isir il-hasil qabel it-talb, u ndikazzjonijiet cari li l-post huwa moskea, barra li l-istruttura trid tkun thares lejn Mecca.

Illi ma hemmx ghalfejn wiehed jinheba wara l-fatti u jghid li din hi kollha kemm hi bazata fuq diskriminazzjoni religjuza. Hadd qatt ma fixkel, u sewwa li hekk hu, ghaqdiet bhal ‘karismatici” jiltaqghu f’postijiet privati u jitolbu bejniethom, kultant anke bid-daqq ta’ kitarri u kant iehor. Daqstant hu maghruf li sahansitra f’lukandi u postijiet ohra, minghajr ebda htiega ta’ permessi, jsiru laqghat ta’ talb tar-religion Kattolika, u jerga’ jinghad li dan hekk ghandu jkun. Hafna jmorru bi hgarhom ghall-’coffee mornings tal-kappillan” Presentaturi tat-television gieli wkoll jorganizzaw okkazzjonijiet bhal dawn fil-privat imma jxandruhom u jistiednu minn fuq il-mezzi tax-xandir. Fi zmien il-Gimgha l-Kbira sahanistra fil-kurridur tal-Qrati hdejn l-Awla tal-Appell jkun hemm avviz minn qabel li se jsir talba u quddiesa, u naturalment dan minghajr ma jintalab permess lill-MEPA jew lill-Kummissarju tal-Pulizija. Anke l-kamra tal-avukati kull l-ewwel gimgha tax-xahar torganizza wkoll t-talb. U l-ebda knisja f’Malta m’ghandha permess jew bzonn ta’ permess. U l-MEPA ma titlobx permessi tal-Kummissarju meta torganizza talb fil-bini taghha stess u l-anqas taghmel enforcement notice lilha nfisha.

Illi l-esponenti ddecidew li ma jaghmlu l-ebda proceduri ulterjuri taht il-ligi tal-MEPA peress li dawn m’ghandhomx kompetenza li jiddeciedu fuq diskriminazzjoni, u aktar u aktar fuq diskriminazzjoni religjuza.

Jekk dan ma kienx bizzejjed il-pulizija permezz tal-Ispettur Anglu Caruana — membru ta l-Ispecial Branch, u 1-Ispetturi tal-Qawra u ta’ Tas-Sliema nterrogaw lil diversi nies li jattendu fil-post jew li kienu jafu bihom u sahanistna ressquhom il-Qorti Kriminali tal-Magistrati akkuzati talli minghajr licenzja fethu jew zammew postijiet pubblici ghall-qima t’Alla. Illi dawn il-proceduri jeskludu lil Mouwafak Toutoungi ghaliex dak iz-zmien kien imsiefer. Il-proceduri ta tas-Sliema jinsabu quddiem il-Magistrat Dr Antonio Mizzi u l-proceduri ta San Pawl il-Bahar jinsabu quddiem l-Magistrat Dr Saviour Demicoli.

Waqt seduta ricenti l-Ispettur Anglu Caruana tas-sigurta xehed li n-nies tal-branch tieghu ghamlu sorveljanza fuq in-nies li kienu jmorru u kull ma sabuhom jaghmlu kien li jitolbu. Ma kien hemm l-ebda theddida ghall-ordni pubbliku jew ghas-sigurta' tal-pajjiz, u fuq hekk, huwa nforma l-ghassa ta' tas-Sliema u l-ghassa ta' l-Qawra, li hargu bl-akkuza li kien hemm post pubbliku ghall-qima t'Alla u dan minghajr permess! U xehed ukoll li qatt ma ghamlu osservazzjonijiet fuq gemghat ohra ta' Maltin f'postijiet privati fejn kien qed isir it-talb.

Illi minn dan il-kwadru ta' fatti johorgu vjolazzjonijiet ta' l-Artikolu 9, 10, u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda lir-rikorrenti Mouhanad Toutoungi u Elkatwy Houssein Ahmed Hussein hemm applikabbli wkoll l-Artikolu 8(1) u dan ghal dak li huwa d-dritt tar-rispett tal-hajja privata u tad-dar.

Hemm vjolazzjoni wkoll tal-Artiklu 14 tal-Istess konvenzjoni b'rabta mal-istess artiklu hawn fuq citati.

Talbu li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) tiddikjara, li fuq il-fatti premessi u l-fatti jirrisultaw, kien hemm vjolazzjonijiet tal-Artiklu 9, 10, u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-Artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni mill-awtoritajiet mharrka, u li kien hemm vjolazzjoni wkoll tal-Artiklu 8(1) tal-istess Konvenzjoni fil-konfront ta Mouhanad Toutoungi u Elkatwy Houssein Ahmed Hussein
(2) taghtihom rimedju effettiv inkluz it-thassir ta kull proceduri penali kontra taghhom, u t-thassir ta' kull ordni tal-MEPA
(3) tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti u tikkundanna ghall-hlas tal-istess lill-intimati u inoltre takkorda lill-intimati kumpens ghad-danni morali sofferti.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija li *in forza* taghha wiegeb :

ILLI l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi kemm l-enforcement notice mahruga mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif ukoll il-proceduri kriminali pendenti kontra r-rikorrenti in kwantu jittrattaw postijiet pubblici uzati ghall '*worship'* allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikolu 8 (1), 9, 10, 11 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi preliminarjament, l-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi ghall-proviso ghall-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' dan ir-rigward huwa car illi la darba l-ligi tirrikjedi permess biex wiehed jiftah post ghal skopijiet ta' qima religjuza u la darba r-rikorrenti m' humiex qed jallegaw illi tali rekwizit huwa vjolattiv ut sic tad-drittijiet fondamentali u ukoll la darba r-rikorrenti stess jammettu illi l-fondi gestiti minnhom kienu fil-fat jintuzaw ghall-qima religjuza regolarment, allura certament r-rikorrenti ma jistghux jilmentaw illi bil-fatt biss illi huma gew akkuzati quddiem Qorti sabiex iwiegbu ghall-akkuza illi fethu post ghall-qima religjuza minghajr permess jikser id-drittijiet fondamentali taghhom.

Ir-rikorrenti ghad ghandhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rimedju illi jaghti d-dritt tad-difiza u tas-smiegh xieraq fil-kawza kriminali in kwistjoni.

Jekk imbaghad ir-rikorrenti qeghdin fil-fatt jallegaw illi xi awtorita' pubblika imxiet b' mod diskriminatorju jew abbuziv fil-konfront taghhom huma ghandhom ir-rimedju ordinarju kemm skond il-ligijiet kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

Illi preliminarjament ukoll, in kwantu dan ir-rikors qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali 'fil-konfront ta' Mouhanad Toutougi u Elkatwy Houssein

Ahmed Hussein’, l-azzjoni odjerna hija karenti mill-interess guridiku da parti tar-rikorrenti l-ohra.

ILLI fil-mertu, l-pretensjonijiet tar-rikorreni huma infondati fil-fatt u fid-dritt ukoll ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti huwa wiehed insostenibbli in kwantu illi qieghed jintalab it-thassir tal-proceduri penali u dan meta ma gie allegat l-ebda nuqqas da parti ta’ l-esponenti fit-tmexxija ta’ tali proceduri kontra r-rikorrenti u meta l-istess esponenti ai termini tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) ghandu l-obbligu illi jhares il-buon ordni.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 8 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi jigi ecepit li l-obbligu ta’ l-istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja privata u familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabbilixxi jew li tkompli f’xi attivita’ in vjolazzjoni tal-ligijiet ta’ l-istat.

L-esponenti fl-ebda waqt ma cahhad lir-rikorrenti milli jaccedu ghall-fondi illi r-rikorrenti qeghdin jallegaw illi huma r-residenzi taghhom u dan minkejja illi minn spezzjoni fuq il-post irrizulta illi dawn il-fondi huma vojta u kull ma kien hemm huwa numru konsiderevoli ta’ twapet mifruxa fl-art u nstabu wkoll kotba relatati mat-talb.

Illi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni filwaqt illi jenuncja bħala dritt fundamentali d-dritt ta’ kulħadd għar-rispett tal-ħajja privata u familjari tiegħu, fis-subineiż (2) tiegħu jikkontempla l-eccezzjonijiet, f’liema każijiet huwa permissibbli mill-istess Konvenzjoni li jirrendi legali u lecitu ndħil mill-Istat b’deroga ta’ dan id-dritt fundamentali fl-interess pubbliku skond kif ikun necessarju f’ socjeta demokratika.

Illi *in vista* tas-suespost m’hemm ebda ksur ta’ dan l-Artikolu.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi l-obbligu ta’ l-Istat huwa illi jirrispetta d-dritt ghall-liberta tal-hsieb, kuxjenza u religjon. Illi l-Artikolu 9 (1) huwa maghmul minn zewg elementi kostituttivi: id-dimensjoni interna (forum internum) liema dritt huwa ezercitat internament f’mohh u fil-qalb ta’ l-individwu u li certament hadd ma ghandu kontroll fuq din id-dimensjoni ghajr l-individwu innifsu u certament l-esponenti qatt ma setgha b’xi mod jcahhad lir-rikorrenti min dan id-dritt; id-dimensjoni esterna (forum externum) illi huwa d-dritt ta’ kulhadd illi jimmanifesta r-religjon tieghu fir-rispett tad-drittijiet ta’ haddiehor.

L-esponenti jissottometti illi madanakollu dan mhuwiex dritt assolut u filwaqt illi s-subartikolu (1) jenuncja dan id-dritt, fis-subartikolu (2) insibu l-eccezzjonijiet ghal dan id-dritt senjatament illi l-liberta’ illi wiehed juri r-religjon u twemmin tieghu hija suggetta ghal dawk il-limitazzjonijiet preskritti b’ligi f’ socjeta demokratika.

Certament persuna ma tistax tikkonverti l-uzu ta’ fond minn dak residenzjali ghal wiehed ta’ *qima religjuza* minghajr ma jkollha l-permessi kollha mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti u ma jistghux ir-rikorrenti jinvokaw l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni sabiex jissanaw l-illegalita’ fl-agir taghhom.

Huwa fatt risaput illi f’Malta jezisti post bil-permessi mehtiega fejn persuni illi jhaddnu r-religjon Musulmana jistghu jipprattikaw u jimmanifestaw ir-religjon taghhom. Dan il-post kien sahansitra gie trasferit mill-Gvern u huwa ghalhekk assurd illi r-rikorrenti jakkuzaw lill-Gvern illi qieghed jiddiskrimina kontra r-religjon Musulmana semplicement ghax ma hallihomx jiksru l-ligi u jifthu postijiet ohra ghall-qima religjuza minghajr il-permessi mehtiega.

Illi l-paragun illi jgibu r-rikorrenti ma postijiet ohra fejn isiru avvenimenti ta’ talb okkazjonali ma jaghmilx ghall-kaz odjern ghax ma jipparagunax ‘like with like’.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

L-esponenti jissottometti illi dan l-artikolu jipprotegi d-dritt ta' kull individwu ghall-liberta ta' espressjoni. Illi min imkien mir-rikors promutur ma jirrizulta illi r-rikorrenti b'xi mod gew projbiti milli jesprimu r-religjon taghhom. Illi r-rikorrenti ghadhom il-possibilita' kollha illi jezercitaw id-dritt taghhom ta' espressjoni religjuza izda dan ma ghandu x' jaqsam xejn mal-htiega illi post uzat ghall-qima religjuza fuq bazi regolari ghandu jkollu l-permessi necessarji.

Illi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti gew intavolati mill-esponenti ai termini ta' ligi li taghmel provvediment illi hu mehtieg ghaz-zamma tal-buon ordni u biex jigu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni ohra, u dan kollu huwa ragonevolment mehtieg u gustifikabbli f'socjeta' demokratika.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

L-obbligu ta' l-Istat huwa illi jipprotegi d-dritt ta' l-individwu ghall-liberta' ta' ghaqda pacifika u liberta' ta' assocjazzjoni ma' ohrajn. L-esponenti jichdu illi r-rikorrenti gew impediti milli jezercitaw dan id-dritt bil-htiega ta' permess ghal post uzat regolarment ghall-qima religjuza.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi l-esponenti jichad kategorikament illi huwa tratta lir-rikorrenti b’mod diskriminatorju. L-esponent applika l-ligi. Ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fuq dan l-Artikolu. Illi l-esponent filwaqt illi jichad illi kien hemm xi diskriminazzjoni qieghed jissolleva ukoll biss ghall-grazzja ta’ l-argument illi d-dritt ghall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni fi kwalunkwe kaz ma jistax jigi invokat biex jissana agir illegali in vjolazzjoni ta’ ligi specjalment jekk dik il-ligi tkun ragjonevolment mehtiega f’ socjeta demokratika,

F’dan ir-rigward l-esponenti jissottometti illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti bhal ma huwa l-paragun li qeghdin jaghmlu r-rikorrenti bejn postijiet miftuhin ghall-pubbliku bhala tali fejn wiehed jista’ jipprattika r-religjon u postijiet ta’ residenzi privati illi ma jistghux jintuzaw bhala postijiet ghall-‘*worship’* minghajr ma jkun inkiseb il-permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jsir tali *worship*. Certament illi r-rikorrenti ma jistghux jirraggiraw din il-kwistjoni billi jiddeskrivu bhala ‘habib’ lil kull min imur jitlob fil-postijiet gestiti minnhom.

Di piu, l-esponenti jissottometti illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi mhux kull “distinzjoni”necessarjament tammonta ghal “diskriminazzjoni” fis-sens ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

In oltre, kif dejjem gie ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m’ghandux ezistenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma disposizzjonijiet ohra ta’ l-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni (**Airey v. Ireland**, deciza fid-9 ta’ Ottubru 1979 mill-Qorti ta’ Strasbourg).

Illi in vista tas-suespost ma hemm ebda diskriminazzjoni u vjolazzjoni ta’ dana l-Artikolu.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Awtorita intimata, li *in forza* taghha wiegbet :

1. Illi preliminarjament, ir- rikors interpost mir-rikorrenti nomine huwa null u ghandu jigi michud stante li l-istess rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom kif sancit mill-Kostituzzjoni ta’ Malta, u dan stante illi huma bl-ebda mod ma kkontestaw l-Avvizi biex Tieqaf u ta’ Twettieq mahruga fuq iz-zewg siti, u liema avvizi gew rezi ezekuttivi;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess rikors huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michdu bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante:

a. Kull proprjeta gewwa Malta trid tigi mibnija u uzata skond dak sancit f’permess mahrug mill-Awtorita esponenti, u dan wara li ssir l-appozita applikazzjoni;

b. Illi l-Awtorita qatt ma hadet passi kontra l-ebda wiehed mir-rikorrenti sakem tali proprjeta baqghat principarjament tintuza ghall-iskop li ghalih kienet munita b’permess, u cioe residenza;

c. Illi l-unika azzjoni li hadet l-Awtorita kienet meta rrizulta illi iz-zewg proprjetajiet ma baqghux jintuzaw bhala residenza, izda bdew jintuzaw sabiex fihom jingabbru in-nies;

d. Illi sabiex inti tikkonverti l-uzu ta’ residenza ghall-post tal-gabra tan-nies, inti tehtieg tapplika ghall-bdil ta’ l-uzu tal-fond ma’ l-Awtorita esponenti, xi haga li r-rikorrenti qatt, u anzi dejjem irrifjutaw li jaghmlu;

e. Illi jekk ir-rikorrenti hassew illi l-proprjeta de quo kella il-permessi necessarji sabiex issir attivita ta’ gabra tan-nies, huma setghu facilment jappellaw mill-Avvizi biex Tieqaf u ta’ Twettieq mahruga fil-konfront taghhom mill-Awtorita esponenti;

f. Illi l-allegazzjoni li qeghda issir xi forma ta' diskriminazzjoni jew impediment iehor fil-konfront tar-rikorrenti hija ghal kollox gratwita u bla bazi;

Salv eccezzjonijiet u sottomissjonijiet ulterjuri

Ghaldaqstant, l-Awtorita' esponenti bir-rispett titlob li in vista tas-suespost dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-Awtorita' intimata;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti kollha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi ir-rikors thalla ghallum ghal sentenza parzjali dwar l-ewwel ecezzjoni ta' l-Awtorita' intimata u dwar l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti istitwew dawn il-proceduri fejn allegaw ksur tal-Artikoli 9, 10 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 14 ta' l-istes Konvenzjoni, allegaw ukoll vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8(1) tal-istess Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti Mouhanad Toutoungi u Elkatwy Houssein Ahmen Hussein.

Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa preliminarjament illi r-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali peress illi qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom.

Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija hawn hekk irrefera ghall-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimata Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar eccepiet illi ir-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi bl-ebda mod ma kkontestaw l-Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettieq mahruga fuq iz-zewg siti, u liema avvizi gew rezi ezekuttivi.

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti fir-rikors taghhom spjegaw illi huma kienu iddecidew illi ma jaghmlu l-ebda proceduri ulterjuri taht il-Ligi tal-MEPA peress illi skond huma il-MEPA ma kellhiex kompetenza illi tiddeciedi kwistjonijiet dwar allegata diskriminazzjoni, aktar u aktar fuq diskriminazzjoni religjuza.

Ikkunsidrat :

Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija esebixxa kopja tat-tahrika fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ashraf Abde Azzedine, Elkatwy Hussein Ahmed Hussein, Nader Toutoungi, Mouhamad Toutoungi u Tariq Razee Hidayathullah u tahrika fl-ismijiet il-Pulizija vs Bader Zina, Tariq Razee Hidayathullah u Ali A. Haroon.

Illi l-awtorita intimata esebiet fotokopja tat-tlett enforcement notices.

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti issottomettew illi f'dan il-kaz hemm zewg aspetti, aspett minnhom huwa l-azzjoni kriminali tal-pulizija u l-aspett l-iehor huwa l-enforcement notice tal-MEPA. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-kwistjoni tal-enforcement tal-MEPA hija indipendenti mill-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija peress illi tikkoncerna aspett ta' planning. Ir-rikorrenti irriferew ghas-sentenza moghtija kontra Malta fil-kawza fl-ismijiet "Amato Gauci vs Malta" mill-Qorti Ewropeja fil-15 ta' Settembru 2009 u

issottomettew illi l-Qorti Ewropeja ghamlitha cara illi jekk ir-rimedju ordinarju mhuwiex rimedju effettiv ma jistax jinghad bhala eccezzjoni illi r-rikorrenti ma ezawrix ir-rimedji kollha ordinarji.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-proceduri kriminali, ir-rikorrenti issottomettew illi ma riedux jigu ikkundannati umbaghad jiehdu passi dwar ksur tal-kostituzzjoni.

Illi fir-rigward tal-Bord ta’ l-Appell tal-MEPA, ir-rikorrenti issottomettew illi l-Artikolu 52(9) tal-Kap 356 jispecifika il-kompetenza tal-Bord ta’ l-Appell u qalu illi l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni religjuza ma tidholx fil-kompetenza tal-Bord tal-Appell f’kaz bhal dan.

Illi r-rikorrenti issottomettew illi kemm fil-konfront tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll fil-konfront tal-Awtorita intimata ma giex ippruvat li kien hemm rimedju effettiv kontra l-lamenteli tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kaz Amato Gauci vs Malta (Applikazzjoni Numru 47045/06) moghtija fil-15 ta’ Settembru 2009 fejn il-Gvern ta’ Malta kien ta l-eccezzjoni illi r-rikorrenti ma kienx ezawrixxa ir-rimedji ordinarji. Il-Qorti, f’dak il-kaz, innutat illi l-applikant kien istitwixxa proceduri ta’ natura kostituzzjonali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ta’ Malta fejn allega ksur tad-dritt fundamentali tieghu sabiex igawdi l-proprjeta kif garantit bl-artikolu 1 protocol numru 1. Huwa kien ukoll appella lill-Qorti Kostituzzjonali mid-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Fiz-zewg kawzi, fiz-zewg proceduri li kien ghamel Amato Gauci, kien ilmenta inter alia mill-effetti tal-ligi u dwar l-ammont ingust ta’ kumpens. Il-Qorti Ewropeja ikkunsidrat illi meta ressaq dawn il-kawzi f’Malta, liema kawzi ma cahdux it-talba tal-applikant fuq kwistjonijiet ta’ natura procedurali, izda ezaminaw is-sustanza tat-talba, l-applikant kien ghamel uzu normali mir-rimedji li kienu accessibbli lilu u illi kienu jirrigwardaw fis-sustanza il-fatti illi ilmenta minnhom quddiem il-Qorti

Ewropeja. Il-Qorti hawn hekk irriferiet ghal sentenza Zarb Adami v. Malta (numru 17209/02) deciza fl-24 ta' Mejju 2005 u Edwards v. Malta (numru 17647/04) deciza fl-24 ta' Ottubru 2006 u iddecidiet illi ma setghetx tirrigetta l-applikazzjoni ghar-raguni illi r-rimedji ordinarji ma kienux gew ezawriti.

Illi ghalhekk fil-kaz imsemmi mir-rikorrenti Amato Gauci vs Malta jirrizulta illi Amato Gauci kien istitwixxa proceduri ta' natura kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u kien anke appella lill-Qorti Kostituzzjonali. Irrizulta wkoll illi l-Qrati f'Malta kienu ezaminaw it-talba tal-applikant fis-sustanza u ma kienux cahdulu t-talba ghal ragunijiet illi jirrigwardaw il-procedura.

Ikkunsidrat :

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija issottometta fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu illi meta r-rikorrenti gew rinfaccjati bl-avviz biex Tieqaf mahrug mill-Awtorita intimata huma setghu jappellaw quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar u irrizulta ampjament illi dan ma ghamluhx. Huwa issottometta wkoll illi l-Bord tal-Appelli Dwar l-Ippjanar ghandu gurisdizzjoni specifika li jisma u jiddeciedi appelli maghmula minn kull persuna illi thossha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita ta' l-Ippjanar dwar kull haga li tikkoncerna kontroll ta' l-izvilupp. L-istess proceduri jipprovdu ghall-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn decizjonijiet tal-Bord fuq punt ta' dritt.

Ikkunsidrat :

Illi l-Awtorita intimata issottomettiet fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha illi r-rikorrenti gew notifikati bl-avvizi biex Tieqaf mahruga relattivament ghall-fondi mikrija lir-rikorrenti u l-istess rikorrenti kienu ghazlu li ma jintavolawx l-appell quddiem il-Bord. L-Awtorita intimata issottomettiet illi r-rimedju ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti ai termini tal-Kap. 356 huwa wiehed effikaci u xieraq peress illi l-Att jipprovdi makkinarju u proceduri specifici biex persuna tkun tista tikkontesta d-decizjoni, jew xi

ghemil amministrattiv ta’ l-Awtorita li bih dik il-persuna tkun hassitha aggravata.

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija ibbazata fuq il-fatt illi skond huma ma kienx hemm bidla fl-uzu tar-residenza meta ir-resident stieden nies sabiex jitolbu mieghu fir-residenza tieghu, u dan kien certament punt illi kellu jittressaq quddiem il-Bord ta’ l-Appelli u mhux quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, peress illi l-Bord certament ghandu gurisdizzjoni li jidhol fil-mertu dwar jekk l-uzu li kien qieghed isir mir-rikorrenti kienx iwassal ghal bidla fl-uzu jew le, u li kienu l-Bord sab li ma kienx hemm bidla fl-uzu l-avviz kien jigi annullat u kollox kien jittregga lura, u ghalhekk certament dan ghandu jitqies bhala rimedju ordinarju sufficjenti u effettiv bizzejjed stante li l-Bord tal-Appelli ghandu dan id-dritt.

Illi jezisti wkoll id-dritt tal-Appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell minn decizjoni tal-Bord fuq punt ta’ dritt.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni wara illi l-MEPA harget enforcement notices fuq flat Tas-Sliema u flat Bugibba imsemmija fir-rikors promotur sabiex b’hekk ma jistghux jigu uzati l-imsemmija zewg flats, lanqas jekk l-uzu ikun dak ta’ abitazzjoni.

Illi r-rikorrenti jissottomettu illi dan kollu gara minhabba diskriminazzjoni religjuza peress illi f’dawn iz-zewg flats, cioe’ dak ta’ Tas-Sliema u l-iehor ta’ San Pawl il-Bahar kienu qeghdin jiltaqghu nies membri tal-Komunita Musulmana f’Malta fejn kienu qeghdin jitolbu b’mod mhux formali.

Illi r-rikorrenti apparti milli qeghdin jallegaw ksur tal-Artikoli 9, 10, 11 u 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, qeghdin ukoll jitolbu lill-Qorti taghtihom rimedju effettiv, inkluz it-thassir ta’ kull proceduri penali kontra taghhom u t-thassir ta’ kull ordni tal-MEPA, u fit-tielet lok sabiex il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti u tikkundanna ghall-hlas ta’ l-istess lill-intimati u inoltre takkorda lill-intimati kumpens ghad-danni morali sofferti.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga intqal, ir-rikorrenti qeghdin jissottomettu illi l-Kapitolu 356 ma jaghtix kompetenza lill-Bord ta’ l-Appell f’kaz bhal dak odjern peress illi ma jistax jidhol fil-kwistjoni tad-diskriminazzjoni religjuza.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 52 (9) tal-Kap. 356 jghid hekk :
“Kull persuna li thossha aggravata b’avviz ta’ twettieq notifikat lilha tista’, fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika ta’ l-avviz, tappella kontra tieghu lill-Bord ta’ l-Appell, u dwar kull appell bhal dak il-Bord:
(a) jekk ikun sodisfatt li permess ikun inghata skond dan l-Att, jew skond kull ligi ohra li giet qabel dan l-Att li kienet tirregola l-permessi tal-bini, ghall-izvilupp li ghalih l-avviz ta’ twettieq jirreferi, jew li ma kien mehtieg ebda permess ghalih, skond kif ikun il-kaz, u li l-kundizzjonijiet li ghalihom il-permess kien suggett gew imharsa, ghandu jhassar l-avviz ta’ twettieq li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti tieghu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif imsemmi qabel;
(b) f’kull kaz iehor ghandu jichad l-appell.”

Illi ghalhekk jirrizulta car mill-qari ta’ dan l-artikolu illi jekk il-Bord ta’ l-Appell ikun sodisfatt illi gew imharsa il-kundizzjonjiet kollha illi ghalihom il-permess kien suggett il-Bord ihassar l-avviz tat-twettieq li dwaru jkun sar l-appell, jew dik il-parti tieghu li dwarha il-Bord ikun sodisfatt kif imsemmi qabel.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 35 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid :

“The Court may only deal with the matter after all domestic remedies have been exhausted, according to the generally recognised rules of international law.”

Illi l-iskop ta’ dan l-Artikolu huwa illi l-Istati membri tal-Konvenzjoni Ewropeja jinghataw l-opportunita sabiex

huma stess jirraddrezzaw allegati vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja qabel ma dawn l-allegazzjonijiet jitressqu l-Qorti Ewropeja. Konsegwentement, l-Istati membri ma jistghux jigu imgieghela iwiegbu quddiem il-Qorti Ewropeja qabel ma jkunu gew ezawriti ir-rimedji kollha ordinarji. Il-Qorti Ewropeja qalet illi din ir-regola hija ibbazata “on the assumption, reflected in Article 13 of the Convention - with which it has close affinity - that there is an effective remedy available in respect of the alleged breach in the domestic system. In this way, it is an important aspect of the principle that the machinery of protection established by the Convention is subsidiary to the national systems safeguarding human rights.” (Vide Selmouni v. France 29 EHRR 403 – 1999/D).

Ikkunsidrat :

Illi fl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni insibu l-provizo illi jghid : “Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.”

Illi l-Qorti Kostituzzjonali permezz ta’ sentenza moghtija fis-7 ta’ Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine, wara li ezaminat numru ta’ sentenzi qalet hekk :

“Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta’ din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita’ jew ta’ gustizzja jew ta’

zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.

(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.

(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.

(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Ikkunsidrat :

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru"** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor – illi l-ewwel Qorti tezercita

s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha”.

Illi dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta’ Lulju, 1995 fl-ismijiet “Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija et” u fil-kawza deciza fil-21 ta’ April, 1995 fl-ismijiet “Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru”, fejn il-Qorti qalet hekk :

“Illi dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista’ jittiehed b’mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta’; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta’ Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi.

Ikkunsidrat :

Illi jekk ikun hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarju jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

Illi meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m’ghandiex tikkonsidra li tezercita l-

gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.

Illi kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Prim Ministru et, deciza fis-6 ta' April 1995 : "ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri talordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni.

Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Ikkunsidrat :

Illi fil-kawza fl-ismijiet Youssef Abou Brek vs Onorevoli Prim'Ministru bħala l-Kap tal-Gvern ta' Malta; Ministru għall-Gustizzja u l-Intern; Kummissarju tal-Pulizija; Uffiejal Ewlieni tal-Immigrazzjoni, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta'Marzu, 2009, il-Qorti qalet hekk :

"Billi għalhekk ir-rikorrent ma jeħtiegx rimedji għajr dawk li tagħtih il-ligi ordinarja, il-qorti tagħżel li ma tinqediex bis- setgħa tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni, u ma tqisx aktar ir-rikors."

Illi fil-kawza fl-ismijiet Joseph Arena nomine vs Kumissarju tal-Pulizija et deciza minn din il-Qorti, il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk fir-rigward ta' dak illi hemm provdut bl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni taghna kif ukoll ghal dak illi hemm provdut taht il-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward

ta’ l-ezawriment tar-rimedji lokali qabel ma l-Qorti ta’ Strasbourg tigi adita biex tisma’ xi kaz:-

“Jekk ir-rimedju tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji jista’ jitqies li hu, nehhi eccezzjonalment, wiehed prattikament assolut fir-rigward tar-rimedju taht il-Konvenzjoni Ewropeja, specjalment fil-kuntest tad-dritt ta’ rikors quddiem din il-Qorti, mhux l-istess jista’ jinghad fir-rigward ta’ l-applikazzjoni ta’ dak il-principju ghar-rimedju taht il Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni imkien ma tesigi, la espressament u lanqas implicitament, li r-rimedji disponibbli taht xi ligi ohra kellhom necessarjament ikunu gew ezawriti biex il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali tkun tista’ tiehu konjizzjoni tal-mertu.

Illi waqt illi ghandu ikun ovvju illi r-rikors li lill- Qorti Kostituzzjonali in tutela ta’ allegat ksur ta’ dritt fondamentali jew theddida tieghu, kellu bhala regola ikun l-ahhar tarka ta’ protezzjoni gudizzjarja ghal dan id-dritt – u f’dan is-sens hi gustament il-gurisprudenza kostanti – id-dritt ghar-rimedji kostituzzjonali ma huwa bl-ebda mod soggett ghal din il-kondizzjoni.”

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju u ma uzawhx u kif diga’ inghad, fit-termini tal-gurisprudenza fuq citata, il-fatt tan-non usu tar-rimedju ordinarju ut sic, u indipendentement, mhux necessarjament dejjem u f’kull kaz u b’mod assolut ghandu jwassal lill-Qorti li tkun li tiddeklina li taghti rimedju. Jista’ jkun hemm kazijiet fejn il-Qorti nonostante l-fatt illi ma kienx hemm uzu tar-rimedju ordinarju xorta ma tiddeklinax li tiehu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali u taghti rimedji kif effettivament gieli gara f’kazijiet li verament huma rari, imma li jezistu specjalment meta jirrizulta jew li r-rimedju fi kwalunkwe kaz ma kienx ikun effettiv jew inkella meta c-cirkostanzi tal-kaz kienu tali li jirrikjedu azzjoni mmedjata u li r-rikors ghar-rimedju ordinarju seta’ ikun tali li jaggrava s-sitwazzjoni u l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali.

Illi il-Qorti rat sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Angelo Spiteri vs Kummissarju tal-Pulizija et deciza fit-22 ta' Ottubru, 1998 fejn il-Qorti qalet hekk:

"Il-Kummissarju tal-Pulizija sostna li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fit-termini li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Kap 319 gie simili ghall-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni stante li r-rikorrent mhux talli ghandu rimedju ordinarju u effettiv biex jisfida decizjoni amministrattiva izda talli qed joperah permezz ta` kawza li istitwixxa kontra l-istess intimati u li ghadha pendenti. L-Awtorita' dwar it-trasport pubbliku issollevat l-istess eccezzjoni fil-bidu tar-risposta taghha.

Illi l-Qorti ukoll rat sentenza taghha tas-27 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet John Sammut v. Awtorita` ta' l-Ippjanar et, fejn inghad *inter alia* hekk:

"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal- Kostituzzjoni jew iddisposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens. In fatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali (*"…ghall-ksur allegat…"*) izda li minkejja dan *"…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…"* favur il-vittma.

"Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha – kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta' dan il-proviso hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bhal kull diskrezzjoni, din ghandha tigi ezercitata b'mod korrett u tkun diretta ghall-iskop li ried jilhaq il-legislatur. Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn; mill-banda l-ohra dan il-proviso m'ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher *prima facie* li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet

fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda l-Prim Awla u din il-Qorti ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm altrimenti rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319."

Illi huwa car illi ir-rikorrenti kellhom rimedji skond il-ligi ordinarja, liema rimedji kienu effettivi u ghal ragunijiet taghhom ghazlu illi ma juzawhomx u illi jipprocedu bir-rikors odjern.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u qeghda tilqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita intimata u tiddikjara illi r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji illi bihom setghu jiksbu l-harsien tal-jeddijiet taghhom fuq l-ilmenti imressqin minnhom f'din il-kawza u ghalhekk il-Qorti qeghda tiddeklina milli tezercita is-setghat kostituzzjonali taghha, u ma tqisx aktar dan ir-rikors.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------